# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024

**Kawża Nru. 18**

**Rik. Nru. 15/2019 ISB**

**Dr Louis Cassar Pullicino bħala mandatarju speċjali ta' Stewarts Law LLP, soċjetà estera reġistrata l-Ingilterra bin-numru ta' reġistrazzjoni OC329883 u bl-indirizz uffiċjali tagħha 5, New Street Square, London, EC4A 3BF**

**Vs**

**Ulmart Holdings Limited (C73977)**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija **Ulmart Holdings Limited (C73977)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti fit-23 ta’ Marzu 2022, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta’ stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-ricevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati.

Rat l-aħħar rapport minnu mħejji minn fejn jirriżulta illi l-kumpanija għandha passiv ta’ tlett mija u elf, u seba’ u sittin Euro u tmintax-il ċenteżmu (EUR301,067.18), filwaqt illi bħala attiv m’għandha l-ebda flejjes depożitati f’banek f’Malta u preżentement il-kumpanijia m’għandiex fondi u għalhekk l-attiv tal-kumpanija mhux se jkun jista’ jagħmel tajjeb għad-djun tal-istess kumpanija.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x’isir u b’hekk jista’ jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Tapprova** l-pjan ta’ gradwazzjoni tad-djun tal-kumpanija **Ulmart Holdings Limited (C73977)** kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Ufficjali tas-6 ta’ Marzu 2024 (fol 290), inkluż mill-ħlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat aktar kmieni llum f’dawn l-istess proċeduri.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Ulmart Holdings Limited (C73977)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Ulmart Holdings Limited (C73977)**.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrent noe.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**